# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 26 ta' April 2018**

**Kawza Numru : 18**
**Rikors Guramentat Numru : 847/2017/LSO**

**Maria Beatrice Alvarado Y Gonzalez-De-Andres (Nru. Tal-Passaport Ingliz 540667860)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Maria Beatrice Alvarado Y Gonzalez-De-Andres (Nru. Tal-Passaport Ingliz 540667860) datat 18 ta’ Settembru 2017 fejn esponiet: -

Illi hija, Maria Beatrice, twieldet fl-Ingilterra fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Settembru elf disgha mija hamsa u sebghin (1975) u kunjom xbubitha kien dak ta' 'Agius' (kopja tac-certifikat tat-twelid annessa u mmarkata bhala Dok A);

Illi r-rikorrenti zzewget lil Patricio Eduardo Alvarado (maghruf bhala Patrick Alvarado) fis-27 ta' Settembru 2008 (kopja tac-certifikat taz-zwieg annessa u mmarkat bhala Dok B) u llum il-gurnata t-tnejn li huma kif ukoll it-tfal taghhom jahdmu abitwalment gewwa Londra u jqattghu perjodi twal fir-Renju Unit;

Illi meta r-rikorrenti ffirmat l-att taz-zwieg, hi ddikjarat li ser taddotta l-kunjom shih tal-familja u tal-axxendenti maternali tar-ragel taghha, u cioe` 'Alvarado Y Gonzalez-De-Andres' imma dan ma kienx rifless fic-certifikat taz-zwieg mahrug mill-knisja (kopja annessa Dok K) li jindika bic-car li kunjom ir-ragel biss bhala "Alvarado";

Illi r-rikorrenti iffirmat dan id-dokument ghax fl-esperjenza taghha r-ragel taghha Patricio dejjem hu maghruf bil-kunjom "Alvarado" u mhux Alvarado Y Gonzalez-De-Andres. Fil-fatt ir-ragel tar-rikorrenti huwa maghruf biss bil-kunjom 'Alvarado', kif muri fil-licenzja tas-sewqan tieghu (kopja annessa u mmarkata bhala Dok C), fil-*European Health Insurance Card* (kopja annessa u mmarkata bhala

Dok D), kif ukoll fil-qasam tax-xoghol tieghu (kopja ta' intervista annessa u mmarkata bhala Dok E).

Illi anke r-rikorrenti hi maghrufa bhala 'Maria Beatrice Alvarado', mill-awtoritajiet Inglizi kif rifless fil-passaport Ingliz taghha (kopja tal-passaport annessa u mmarkat bhala Dok F) kif ukoll fir-*records* tas-socjetajiet kummercjali rregistrati l-Ingilterra (kopja annessa u mmarkata Dok G) u sahansitra fuq il-licenzja tas-sewqan u l-European Health Insurance Card taghha (kopja annessa Dok G 2).

Illi r-rikorrenti u r-ragel taghha flimkien ghandhom tlett itfal, Sienna Lily, Nicolas Maximilian, u Isabella India, li Ikoll huma maghrufa bil-kunjom 'Alvarado' biss (kopji tal-karti tal-identita` taghhom annessi u mmarkati bhala Dok H, I u J rispettivament);

Illi l-fatt illi l-kunjom 'Alvarado' li bih ir-rikorrenti hi maghrufa u li jinsab fuq id-dokumenti ufficjali kollha mahruga mill-awtoritajiet Inglizi, u l-kunjom riprodott fuq il-karta tal-identita` taghha mahruga mill-awtoritajiet Maltin ma jikkombacjawx qed jikkawza konfuzjoni u inkonvenjent lir-rikorrenti;

Illi r-rikorrenti tixtieq tirregola l-pozizzjoni taghha u taffettwa t-tibdil necessarju sabiex ssir l-annotazzjoni xierqa fl-atti ufficjali taghha u sabiex l-atti u d-dokumentazzjoni kollha mahruga mill-awtoritajiet Maltin ikunu jirriflettu l-kunjom li bih hi maghrufa;

Illi l-ligi taghtiha din il-fakulta` *a tenur* tal-artikolu 253 tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tordna li *a tenur* tal-Artiklu 254(1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, tal-inqas hmistax (15) il-gurnata qabel is-smigh tal-kawza jigi ppubblikat l-avviz fil-Gazzetta tal-Gvern li permezz tieghu kull min ikollu interess jigi msejjah jiddikjara jekk hux bi hsiebu jopponi t-talba tar-rikorrenti.

2. Tiddikjara illi r-rikorrenti ghal zmien twil u konsistenti, kif ukoll hi maghrufa u msejha bhala Maria Beatrice Alvarado.

3. Tawtorizza l-korrezzjoni u r-registrazzjoni fic-certifikat taz-zwieg taghha bin-numru 1903 tal-2008 skont il-provedimenti tal-artikolu 253 tal-Kodici Civili, sabiex fil-kolonna "Isem u kunjom" jinkitbu "Maria Beatrice Alvarado"

4. Tordna illi l-bdil effettwat fl-att taz-zwieg taghha bir-registrazzjoni msemmija jigi rifless f’ kull att ta' l-istat civili relattiv tal-mittenti, jekk ikun il-kaz u dan skont l-artiklu 253 (3) tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Taghti kull provvediment iehor li jidhrilha xierqa.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa jibqa' ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-21 ta' Novembru 2017.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 23 ta' Ottubru 2017 (fol 25) fejn Dr Astrid May Grima ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess Direttur bil-gurament taghha ddikjarat u kkonfermat :-

1. Illi preliminarjament, *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandha ssir id-debita publikazzjoni tas-smigh tal-kawza fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas hmistax-il gurnata qabel tali smigh;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti teccepixxi, illi fir-rikors guramentat tar-rikorrenti, hemm zewg folji (annessi u mmarkati Dok. DRP 1 u Dok. DRP 2, rispettivament) illi filwaqt li jikkontjenu l-istess premessi, fl-istess zewg folji qed jigu indikati talbiet differenti, fejn tajjeb li jigi sottolinejat illi t-talba fl-ewwel folja (Dok. DRP 1) ma hijiex enumerata skont kif jitlob Artikolu 156(l)(c) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghaldaqstant, f'dan l-istadju, l-esponent huwa tal-fehma illi jkun ta' beneficcju li r-rikorrenti tistipula liema talbiet qed tressaq f' din l-kawza istanti li fuqhom/ha ghandha tinghata decizjoni minn din l-Onorabbli Qorti;

3. Illi bla hsara ghal fuq espost ukoll, l-esponenti teccepixxi wkoll illi f' kaz li t-talbiet tar-rikorrenti huma relatati biss mal-korrezzjonijiet f' Atti Civili, l-ligi toffri

rimedju ordinarju iehor taht Artikolu 257(a) tal-Kodici Civili, li jistipula:

*"B 'dak kollu li hemm fid-dispozizzjonijiet tal-artikoli 253 sa 256, it-tnejn inkluzi:*

*(a) il-korrezzjoni ta' registrazzjoni li tkun korrezzjoni ta' indikazzjoni zbaljata ta' xi wahda jew izjed mill-hwejjeg imsemmijin, dwar kull att fit-Taqsima III tal-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan il-Kodici, tista' wkoll issir fuq ordni maghmul bil-miktub mill-Imhallef irtirat jew il-Magistrat irtirat jew l-avukat irtirat tal-Qorti ta' Revizjoni tal-Atti Nutarili"*[1]*.*

4. Illi bla pregudizzju ghal fuq espost u fil-mertu, l-esponenti tirrileva li mhijiex edotta mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat;

5. Illi rigward l-ewwel talba f'Dok. DRP 1, fejn ir-rikorrenti qed titlob illi jigi ddikjarat minn din l-Onorabbli Qorti illi kunjom ir-rikorrenti fil-karta tal-identita' tal-istess rikorrent ghandu jkun 'Alvarado' u mhux 'Alvarado Y Gonzalez-De-Andres', l-esponenti teccepixx illi tali talba ma tistax tigi msejsa fuq Artikolu 253 tal-Kodici Civili. Dan *stante* li Artikoli 253 tal-Kodici Civili jitratta proprju *'korrezzjonijiet jew thassir ta' registrazzjoni, jew ghar-registrazzjoni ta' att'.* Ghal tali fini, karta ta' identita' ma tistax tigi kkunsidrata bhala Att Civili li jista' jigi kkoreggut *ai termini* tal-istess

---

[1] *Taqsima III tal-Ewwel Skeda tal-Kodici Civili, li ghaliha taghmel referenza l-Artikolu 257 tal-Kodici Civil: tippermetti korrezzjonijiet f' Atti taz-Zwieg anke' fir-rigward ta' kunjom ta' wiehed mill-partijiet mizzewgin);*

artikolu u b'hekk l-esponenti ssostni illi din it-talba ma tistax tigi milqugha minn din l-Onorabbli Qorti;

6. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, u fir-rigward tat-talbiet mressqa mir-rikorrent f'Dok. DRP 2, l-esponenti teccepixxi illi Artikolu 253 tal-Kodici Civili, jaghti biss lok ghall-korrezzjonijiet f' ismijiet u mhux f' kunjomijiet salv pero' jekk ma jkunx hemm xi zball genwin li ghandu jkun wiehed car u evidenti, hekk kif gie enuncjat fid-dibattiti parlamentari u giurisprudenza nostrana;

7. Illi maghdud mal-premess, l-esponenti tkompli billi tissottolineja dak li gie ddikjarat mir-rikorrenti stess fir-rikors guramentat taghha f' paragrafu 3, fejn sahqet *'illi meta r-rikorrenti iffirmat l-att taz-zwieg,* ***hi ddikjarat li ser taddotta l-kunjom shih tal-famllja u tal-axxendenti maternali tar-ragel taghha, u cioe' 'Alvarado Y Gonzalez-De-Andres'*** *imma* ***dan ma kienx rifless fic-certifikat taz-zwieg mahrug mill-knisja*** *li jindika bic-car li kunjon ir-ragel biss bhala 'Alvarado'* [enfazi mizjud mill-esponenti];

8. Illi mill-premess jidher illi r-rikorrenti qed tibbaza t-talba fuq il-fatt illi *stante* c-certifikat mahrug mill-Knisja, ir-ragel tar-rikorrenti gie mnizzel biss bil-kunjom 'Alvarado' ir-rikorrenti ghandha ghaldaqstant tassumi l-kunjom 'Alvarado' biss ukoll, u dan minkejja li l-kunjom shih li jappartjeni lir-ragel tar-rikorrenti huwa 'Alvarado Y Gonzalez-De-Andres';

9. Illi primarjament, l-esponenti tecceppixxi illi mill-Att taz-Zwieg tar-rikorrenti, hawn anness u mmarkat Dok. DRP 3, jidher illi l-konvenut inserixxa l-informazzjoni kollha, kif kien spettat minnu. Fil-fatt tajjeb li jigi rrimarkat illi l-konvenut *ai fini* ta' registrazzjoni ta' Att taz-Zwieg, huwa ghandu jirregistra l-kunjom shih ta' persuna u mhux parti minnu;

10. Illi mill-istess Att anness mill-esponenti, jidher ukoll car illi r-rikorrenti ddikjarat illi qed tiehu l-kunjom tar-ragel u konsegwentament iffirmat ghal tali dikjarazzjoni, fejn permezz tali dikjarazzjoni r-rikorrenti kienet qed tiddikjara ukoll li qed taccetta u tikkonferma li l-informazzjoni inserita fl-istess Att mill-konvenut hija korretta;

11. Illi ghaldaqstant huwa evidenti illi fil-kaz *de quo* li ma jirrizultax illi b'hekk kien sar xi zball jew nuqqas min-naha tar-Registru Pubbliku;

12. Illi ghalaqstant, *stante* tali procedura *si tratta* proprju kunjom ta' persuna, l-esponent huwa tal-umli fehma illi tali talba ma timmerritax illi tigi milqugha minn din l-Onorabbli Qorti. Madanakollu hija tirrimetti ruhha ghall-ghaqli u s-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

13. Illi bla pregudizzju ghal fuq espost, l-esponenti hija tal-fehma li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponenti u kwindi hija m'ghandhiex tigi assoggettata ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

14. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attrici li qieghda tigi ingunta in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 22 ta' Frar 2018 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Claire Bonello ghall-attur. Il-kawza giet posposta. Meta regghet issejhet il-kawza dehret ukoll Dr Stephanie Ellul ghad-Direttur intimat li nfurmat lill-Qorti li m'ghandhiex provi x'tipproduci u zzomm ferm l-eccezzjonijiet taghha. Id-difensuri tal-partijiet qablu li l-kawza tista' tibqa' ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta' April 2018 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequens* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta saret debitament fl-20 ta' Settembru 2017 (fol 24) u b'hekk l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat hija sorvolata.

Referibbilment ghat-tieni u l-hames eccezzjoni, fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2017 (fol 33), ir-rikorrenti tramite l-avukat difensur, talbet l-isfilz ta' fol 2 tal-process u zammet ferm il-premessi u t-talbiet a fol 3 tal-process. Ghalhekk, it-tieni u l-hames eccezzjoni huma wkoll sorvolati; tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri.

Illi r-rikorrenti qed titlob korrezzjoni fl-att taz-zwieg, numru 1903 tal-2008, sabiex fil-kolonna 'Isem u kunjom' isimha jigi indikat bhala "Maria Beatrice Alvarado" u mhux "Maria Beatrice Alvarado Y Gonzalez-De-Andres".

Dak mitlub mir-rikorrenti fil-kaz in ezami, hu li kunjomha kif registrat fl-att taz-zwieg li sehh hawn Malta fis-27 ta' Settembru 2008, fejn hi hadet kunjom zewgha, ghandu jirrispekkja l-kunjom li bih huwa maghruf zewgha u cioe` "Alvarado", mhux il-kunjom shih "Alvarado Y Gonzalez-De-Andres". Fil-premessi tar-rikors promotur, gie msemmi, li fil-kopja tac-certifikat taz-zwieg mahrug mill-Knisja, il-kunjom hu indikat bhala "Alvarado." Difatti, gie esebit kopja ta' dan ic-certifikat mahrug mill-knisja bhala Dok K anness mar-rikors promotur.

F'dan il-kuntest, ikkonsdrat li l-Ligi taghna tirrikonoxxi bhala prova tal-kontenut taghhom sakemm ma jigix ippruvat il-kuntrarju u basta li tigi ppruvata l-awtenticita' taghhom, *inter alia* "l-*atti u r-registri tal-parrocci dwar twelid, zwieg, u mewt, u d-dispozizzjonijiet maghmula skont il-ligi quddiem kappillan*." (**art.629(b) tal-Kap 12**). Madanakollu dan ghandu jissussisti fejn jirrizulta zball fl-att emess mir-

Registru Pubbliku, altrimenti dan ta' l-ahhar jipprevali billi jinghata l-affidament fuq il-korrettezza tal-kontenut tieghu mil-legislatur **(art. 627(f) tal-Kap 12).**

Inoltre r-rikorrenti esebiet serje ta' dokumenti esteri ta' zewgha *stante* li huma jirrisjedu fl-esteru, annessi mar-rikors promotur. Fost id-dokumenti esebiti, hemm il-licenzja tas-sewqan ta' zewgha Patrick Alvarado, Dok C, *European Health Insurance Card*, Dok D, intervista ma' Patrick Alvarado, Dok E. Ir-rikorrenti esebiet ukoll Dok F, kopja tal-passaport Ingliz taghha u Dok G kopja ta' estratt tal-*Companies House*, fejn f'dawn iz-zewg dokumenti kunjomha huwa indikat fl-esteru bhala "Alvarado."

*Di piu`*, esebiet ukoll kopja tal-passaporti Inglizi tat-tlett uliedhom, Dok H, Dok I, Dok J, fejn kunjom l-ulied huwa indikat bil-kunjom "Alvarado."

Fl-affidavit taghha, r-rikorrenti sostniet, li fis-27 ta' Settembru 2008, izzewget lil Patrick Alvarado, u llum jahdmu u jirrisjedu f'Londra ma' uliedhom. Spjegat li meta applikat ghac-cittadinanza doppja, hi giet infurmata li hija kienet registrata biss bil-kunjom "Alvarado". Semmiet li l-fatt li l-identita` Maltija qed turi li hi ghandha l-kunjom 'Alvarado Y Gonzalez-De-Andres' qed johloq problemi peress li zewgha u uliedha huma maghrufa biss bil-kunjom "Alvarado."

Referibbilment, ghas-sitt eccezzjoni, huwa minnu li l-artikolu 253 jaghti lok ghal korrezzjonijiet fl-ismijiet mhux fil-

kunjomijiet. Jigi ritenut, li huwa minnu li l-kaz odjern mhuwiex ippernjat fuq zball. Madankollu, din il-Qorti hija sodisfatta li l-familja tar-rikorrenti, zewgha, u uliedhom minuri juzaw il-kunjom "Alvarado", kif senjalat fid-dokumenti esebiti fl-atti ta' dan il-kaz. Ghalhekk, din il-Qorti hija tal-fehma, li t-talba odjerna mhijiex frott ta' leggerezza jew kapricc. Inoltre`, ma jkunx jaghmel sens li r-rikorrenti jkollha indikat kunjom li mhuwiex l-istess bhal dak li bih zewgha u uliedha huma maghrufin bih.

F'dan il-kuntest, huwa opportun li ssir referenza ghall-gurisprudenza fejn il-Qrati taghna kienu anqas rigidi fil-konsiderazzjonijiet taghhom ta' talbiet ghall-bidliet fl-atti tal-istat civili, fejn gie ritenut li talba bhal din odjerna tista' tirnexxi mhux biss fuq il-bazi ta' zball izda anke fuq bazi ta' taghrif izjed shih dwar il-persuna. Illi fil-kaz **McLean gia Abdillah vs Cremona nomine** P.A. deciza fil-31 ta' Ottubru 1930 (Kollez. Vol:XXVII.ii.305), inghad:

*"Illi sewwasew minhabba li l-bdil fl-atti ta' stat Civili jolqot ukoll lil terzi persuni, il-Qrati taghna fissru li ghalkemm il-ligi ma tqisx iz-zieda jew il-bdil ta' kunjom l-attur bhala zball, ma tistax tinjora ghal kollox talba bhal din, specjalment fejn il-kunjom ikun inbidel taht xi sistema jew ordinament guridiku iehor. F'dawn il-kazijiet, ukoll fl-interess ta' terzi, il-Qrati laqghu talbiet ghal annotazzjonijiet fl-imsemmija atti bil-hsieb li jirriflettu bidliet bhal dawn."* (Ara wkoll Jason **Paul Grixti vs Direttur tar-Registru Pubbliku**, P.A. (JRM) deciza fl-24 ta' Ottubru 2002).

Relevanti wkoll hu l-kaz **Leonard Ellul sive Ellul Mercer et vs Direttur tar-Registru Pubbliku**, P.A. (JRM) deciz fil-21 ta' Marzu 2002), fejn inghad:

*"Illi din il-Qorti taghraf ukoll li l-ligi civili taghna tal-lum m'ghadhiex iebsa daqs kemm kienet qabel dwar dak li ghandu x'jaqsam mal-kunjom tal-persuna. Mhux biss ghaliex illum il-gurnata l-identita` tal-persuna hija stabbilita u accertata b'mezzi ta' identifikazzjoni u registrazzjoni ohrajn, imma wkoll ghaliex jidher li hija r-rieda espressa tal-legislatur li jhalli li persuna zzid, matul hajjitha kunjom iehor ma' dak li titwieled bih."*

Illi kif gie ribadit mill-Qorti tal-Appell fil-kaz fl-ismijiet **Julia Manduca et v Direttur tar-Registru Pubbliku** deciz fis-27 ta' Mejju 2017:

"*Hawnhekk ukoll, pero`, kif tajjeb osservaw r-rikorrenti appellati fir-risposta tal-appell tagħhom, hemm sentenzi fejn persuni effettivament irnexxielhom jottjenu l-awtorizzazzjoni biex ibiddlu kunjomhom minn kif imniżżel fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tagħhom. Kemm qorti tasalx biex tawtorizza bdil fil-kunjom ta' persuna jew le jidher li jiddependi sostanzjalment mill-bdil li jkun qed jintalab. Hekk per eżempju fil-kawża fl-ismijiet **Robert Dowling Attard v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku**[2] il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili awtorizzat il-bdil ta' kunjom minn "Dowling Attard" għal "Dowling" in vista tal-fatt li l-attur kien dejjem magħruf b'tali kunjom. Il-"bdil" tal-kunjom f'tali każ kien jirrikjedi*

[2] **Robert Dowling Attard v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku** (P.A. 09.04.2002 – RCP)

*sempliċiment it-twaqqiegħ ta' wieħed minn żewġ kunjomijiet."* Mhux l-istess gara fil-kawża fl-ismijiet **Damian Damian-Schembri v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku**,[3] fejn il-Qorti tal-Appell ċaħdet it-talba għal bdil ta' kunjom minn "Schembri" għal "Damian-Schembri" billi l-Qorti irriteniet li ma kienx ġustifikat li hija tagħti timbru uffiċjali għal dan l-"istil" u għalhekk ċaħdet it-talba. Fil-kawża **Nardu Balzan Imqareb v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku**[4], imbaghad din il-Qorti kif divserament presjeduta kienet irriteniet li ma jidhirx li taħt il-liġi nostrana dak li jkun bis-sempliċi volonta` tiegħu jista' jippretendi li jbiddel kunjomu jew jesiġi ratifika anke jekk għalih isarraf bħala xi sinjal distintiv tal-identita` tiegħu.

Illi fil-kaz odjern il-bdil fil-kunjom jikkonsisti filli jinzamm l-ewwel parti tal-kunjom u jitwaqqa' l-kumplament. Din il-Qorti jidhrilha li t-talba tista' tirnexxi specjalment fid-dawl tas-sitwazzjoni anomala, fejn ir-rikorrenti tkun maghrufa ghall-finijiet tal-atti ufficjali pubblici taghha b'kunjom differenti minn dak ta' zewgha u uliedha.

Rigward is-seba', it-tmien u d-disa' eccezzjonijiet, tal-intimat, din il-Qorti taqbel li r-rikorrenti qed tibbaza t-talba taghha fuq dak indikat fic-certifikat tal-Knisja f'Malta, Dok K fejn ir-ragel tar-rikorrenti huwa indikat biss bil-kunjom "Alvarado". Madankollu, it-talba tar-rikorrenti hija ppernjata wkoll fuq il-fatt, kif irnexxielha tipprova l-istess rikorrenti li l-kunjom tal-familja li bih hija maghrufa hi, zewgha u

[3] **Damian Damian-Schembri v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku** (App Sup. 16.12.2003)
[4] **Nardu Balzan Imqareb v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku** (P.A. 30.06.2004 – PS)

uliedhom huwa “Alvarado”, ghalkemm f’Dok DRP 3 anness mar-risposta tal-intimat jirrizulta li tnizzel il-kunjom shih li jappartjeni lir-ragel tar-rikorrenti.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti ser takkolji t-talbiet tar-rikorrenti. Izda rigward, il-kap tal-ispejjez ma jirrizultax li sar zball da parti tad-Direttur intimat, ghalhekk l-intimat m’ghandux jigi addebitat bl-ispejjez ta’ din il-kawza.

Referibbilment ghar-raba’ talba, din mhijiex konformi mal-artikolu 253(3) tal-Kap 16 billi l-atti ma gewx indikati bin-numru u s-sena relattivi. Ghaldaqstant ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tiddisponi mill-eccezzjonijiet ghar-ragunijiet spjegati, tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u tiddikjara li r-rikorrenti hija maghrufa u msejha bhala “Maria Beatrice Alvarado”, u konsegwentement tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjoni fl-att taz-zwieg numru 1903 tas-sena 2008 sabiex fil-kolonna “Isem u kunjom” “Maria Beatrice Alvarado Y Gonzalez-De-Andres” jigi sostitwit bl-isem “Maria Beatrice Alvarado”.

Rigward ir-raba’ talba tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ghar-ragunijiet spjegati.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti u dan skont l-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**26 ta' April 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**26 ta' April 2018**